# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Fl-Atti tal-mandat ta' Sekwestru numru: 603/2021 JVC**

**Rikors Revoka numru: 782/2021 MH**

**Illum, 21 ta' Jannar 2022**

**Fl-ismijiet:**

**Donna Marie Falzon (K.I.43665A)**

**Vs**

**Dynamic Services Limited (C54254)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-soċjeta' Dynamic Services Limited għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għar-raġunijiet hemm premessi u dan ai termini ta' l-artikoli 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta

Għal dan l-eżekutanta Donna Marie Falzon opponiet u għamel anke referenza għal dak minnha premess fir-rikors ġuramentat bin-numru 329/2021MH.[1]

Ikkundsidrat:

Illi l-kawża propja tiċċentra dwar likwidazzjoni ta' danni mitluba mis-sekwestranta minħabba allegazzjoni da parti tagħha li hi ma setgħetx taddivjeni għal kuntratt finali wara li daħħlet f'konvenju mas-soċjeta' sekwestratat b'tortijiet imputabbli lil tal-aħħar.

Kien minħabba f'hekk illi hi talbet is-sekwestru kawtelatorju għal ammont ta' għaxar t'elef ewro, €10,000 in kawtela tad-danni kkaġunati.

Da parti tagħha s-soċjeta' Dynamic titlob il-kontro mandat fuq żewġ artikoli tal-liġi senjatament l-artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ssib illi din it-talba ma tistax tintlaqa'.

Fil-konfront ta' l-artikolu 836(1)(d) tal-kap 12 insibu lir-revoka tissusisti jekk *"..jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv."*

Huwa miżmum u nkontestat illi l-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa wieħed limitat a bażi tal-*prima facie*. Eżami oltre jispetta lil proċeduri fir-rikors ġuramentat.

Għalhekk il-Qorti tista biss teżamina il-prestensjoni tas-sekwestranta biss min dan il-lat. Tara li Falzon tallega danni biex jiġu likwidati minħabba il-fatti minnha dikjarati bil-ġurament fir-rikors ġuramentat tagħha, fatti li huma ribattuti mis-soċjeta' intimata. Is-somma kkawtelata hija dik ta' €10,000; frankament mhux waħda eżuberanti. Bla ma tidħol fil-mertu ma tarax illi tali

[1] Risposta 17 ta'Nov. 2021

somma hija waħda li tmur favur il-vot tas-sub artikolu in eżami. Għalkemm fir-rikors ġuramentat hemm talba ta' danni da likwidarsi, dan ma jipprekludix lil-eżekutant li jikkawtela sa somma ragonevoli dak li jippretendi li javviċina l-pretensjonijiet tiegħu. B'daqshekk is-somma kkawtelata la hi eċċessiva u anqas inġustifikata anke jekk it-talba prinċipali ma tintlaqax jew ma tintlaqax sa l-ammont ikkawtelat. L-importanti hu lil-eżekutant jkollu mad-daqqa t'għajn jedd li hu bażi ta' azzjoni, ' l hekk imsejjaħ *fumus juris*, li jista' mad-daqqa t'għajn jwassal għal somma.

Insibu fi provvedimenti[2] li trattaw din it-tematika hekk:

*"Kif dejjem ġie ritenut li biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed 'eċċessiv' irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin.* ***(rik nru 571/10 JRM Francis Spiteri et vs Charles Darmanin et deċiż 25.8.2010).***

*F'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-priiċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti .* ***(Ara PA RCP29.11.2001 fl-atti tal-mandat fl-ismijiet Vincent Mercieca vs George Galea).***

*Ukoll li biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir (**PA per GV 6.12.1999 fl-atti tal-mandat fl-ismijiet Salvino Farrugia noe vs Exalco Holdings Ltd**) jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhrix mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod azzardat.*

*Illi f'dan il-każ, s-sorte hija l-ammont ta' self li r-rikorrenti kien sellef lil Fondazzjoni Edward Debono biex tkun tista tinxtara d-dar bejnu u bejn l-istess fondazzjoni u dan b'riżerva tal-imgħaxijiet u għalhekk ma jistgħax jingħad li prima facie dan il-mandat huwa prima facie eċċessiv.*

*Tant li kien sar ftehim bejnu u l-Fondazzjoni li jgħid ċar u tond li tali propjeta ma tistgħax tiġi trasferita jekk mhux bil-kunsens tiegħu kopja ta' tali ftehim* ***Dok A.****"*

[2] Rik.Rev.nru: 570/2018 JPG

**Konsegwentement minn dann il-lat it-talba hija miċħuda.**

Ir-revoka ntalbet ukoll a bażi tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12. Biex dan l-artikolu japplika b'suċċess skont kif ġie dejjem interpretat mill-Qrati nostrali jinħtieġ liċ-ċirkostanzi eżistenti fiż-żmien tal-ħruġ tal-att kawtelatorju jkunu b'xi mod inbiddlu biex b'hekk dak li qabel ġġustifika l-ħruġ u żżamma fis-seħħ tal-mandat issa jkun inbiddel u jirrendi il-kawtela bħala waħda mhux aktar *"raġonevoli"* u *"ġustifikabbli"* . Dan ġie ripetut f'kull provvediment b'talba simili fost l-oħrajn ***Tyrell Corporation Limited v. Yirun Europe GmbH et*** tal-14 ta' Jannar, 2021, ***Western Company Limited v. Anthony Lia et*** tad-29 ta' Settembru, 2020, ***Bartholomeo Bonett et v. George Borg et*** tat-23 ta' Ottubru, 2007 u ***Dr Tonio Fenech noe v. Dr Patrick Spiteri et noe et*** tat-3 ta' Awwissu, 2001).

Minn dak li tara l-Qorti dejjem mad-daqqa t'għajn ma ġiex muri lilha li xi waħda miċ-ċirkostanzi li kienu prevalenti meta inħareġ il-mandat kawtelatorju llum inbiddlu jew tirriżulta xi varjazzjoni fiċ-ċirkostanzi prevalenti bejn il-partijiet.

**Konsegwentement anke minn dan il-lat qegħda tiċħad it-talba.**

**L-ispejjeż ta' din l-instanza huma a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**

782/2021MH